SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 18/K9/20

Data tal-laqgħa: 21 ta' Mejju 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Rita Dimech Portelli

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku (Inc. 11976/20)
Il-Kunsillier John Agius – Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**
**Talba**

Inqrat it-Talba.

**18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

18.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier John Agius talbu li jiġi skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġu skużati.

18.1.02 Fil-bidu tas-seduta, ċ-Ċermen awgura fejqan ta' malajr lill-Kunsillier John Agius wara incident li kellu. Il-Kunsilliera qablu kollha.

18.1.03 Iċ-Ċermen ried ukoll jieħu din l-opportunita' sabiex jirringrazzja l-membri ta' l-istaff tal-Kunsill talli komplew jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma amministrattiva tal-Kunsill waqt is-sitwazzjoni preżenti.

**Approvazzjoni tal-Minuti**

18.2.01 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jsir korrezzjoni ta' 17.2.02 flok il-kelma *club* tinbidel għal *clubs*.

18.2.02 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jsir korrezzjoni ta' 17.2.09, huwa kiteb l-ittra mhux biex jisfida lill-hadd iżda huwa ried li tintbagħat l-ittra biex niċċaraw l-punt tagħna magħhom.

18.2.03 Iċ-Ċermen talab li ssir korrezzjoni fuq żewġ punti, waħda dwar li kienet saret laqgħa mas-sidien ta' l-Għonella dwar il-concession li għandu fil-Ġnien ta' Spinola sadanitant il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet maqlugħa tabella li kienet imwaħħla mal-gate tal-ġnien, kellha tintbagħat ittra wkoll sabiex jitneħħa d-disinn li sar mal-kamra tal-ġnien. Il-Kunsilliera Guido Dalli ssuġġerixxa li għandna naraw il-possibilta' li nagħmlu Gates mal-ġnien biex jissepara il-parti tal-concession. Il-Kunsill qabel li l-ġnien għandu jibda jinfetaħ għall-pubbliku. Iċ-Ċermen spjega ukoll dwar l-intervent li għamel dwar il-bini perikoluż li hemm ġewwa Xatt is-Sajjieda.

18.2.04 Iċ-Ċermen talab korrezzjoni fuq punt 17.4.02 biex iniżżel li huwa ċaħad li hu kien qed jaħdem għal-rasu.

18.2.05 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 17/K9/20.

18.2.06 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 17/K9/20

18.2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

18.2.08 Iċ-Ċermen qajjem il-punti dwar:

18.2.08.01 Il-monument ta' Ġużè Tanti, konna għadna qed nistew it-twaħħil mal-meter tad-dawl.

18.2.08.02 Fuq punt 17.08 li wara r-resurfacing ta' Triq Bonavita ser tkun qed issir Triq Lapsi, huwa spjega li minħabba *cash flow* għalissa din mhux ser tkun qed tibda sakemm nirċievu l-flus min-naħa tal-Planning Funds. Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar Triq l-Arċisqof Romero, iċ-Ċermen infurmaħ għadna qed nistenew risposta mingħand il-Perit jekk issirx bil-concrete jew bit-tarmac. Is-Segretarju ta spjegazzjoni dwar ir-rifużjoni li qed nirċievu mill-Planning Funds, dan għaliex qed ikun hemm diskrepanzi fil-ħlas minħabba li jkunu saru xi emendi fix-xogħolijiet. Kienet saret laqgħa flimkien mal-Perit tal-Kunsill u uffiċċjali tal-Planning Authority biex nikkjarifikaw dan il-punt.

18.2.08.03 Fuq il-punt dwar 17.2.10 hemm diffikulta dwar Triq San Mikiel, hemm problema minħabba li hemm parti minnha li hija privata. Il-Perit issuġerixxa li xorta għandna nagħmlu l-applikazzjoni tagħna lill-Planning Authority.

18.2.08.04 Rigward Triq Ivo Muscat Azzopardi, fejn sfrundat it-triq huwa informa lill-Kunsill li kellimna lill-Avukat u tagħna parir biex nistennew li din titlesta.

18.2.08.05 Fir-rigward il-punt imqajjem mill-Kunsillier Sean Gauci dwar tarmac li ma kienx sar fi Triq il-Kbira int u nieżel minn ħdejn il-BOV, dan sar il-bieraħ u ser ikun qiegħed jinżebgħu r-*road markings*.

18.2.08.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa dwar 17.2.11 fir-rigward il-bus shelter ta' Triq Lapsi, f' Ta' Ġiorni, iċ-Ċermen infurmah li kienet għaddeja applikazzjoni..

18.2.08.07 Bħalissa għaddeja korrispondenza mal-Kunsill Lokali Pembroke dwar il-konfini bejn San Ġiljan u Pembroke.

**18.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

**18.3.01** Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li:

18.3.01.01 Li saret laqgħa mad-direġenti ta' Pender Place, dwar installazjoni ta' dawl dekorattiv fi Triq Sant' Andrija, huwa qal li nfurmajnihom li

l-Kunsill ma jistax jidħol għal dawn l-ispejjez. Waqt din il-laqgħa tkellimna wkoll dwar il-problema li hemm minħabba l-bus shelter, fejn Pender Place.

18.3.01.02 Dwar laqgħat li kellna mad-diriġenti tal-Cavallieri Hotel huwa qal li dawn għadhom jinsistu li sarilhom ħsarat minħabba l-bini ta' rampa li konna għamilna fit-2002, filwaqt li l-Kunsill ċaħad din l-allegazzjoni, konna qed nippruvaw naslu fi ftehim sabiex din ir-rampa tiġi olterata sabiex ikolla impatt inqas fuq il-binja tal-lukanda, però id-diriġenti tal-Cavallieri Hotel baqgħu jinsistu li dawn ix-xogħolijiet isiru għas-spejjez tal-Kunsill. Il-Kunsill reġa ċaħad din it-talba. Waqt dawn id-diskussjonijiet kien preżenti l-Avukat tal-Kunsill.

18.3.01.03 Li ntlaħaq ftehim mal-Malta Tourism Authority sabiex għas-spejjez tagħhom jinbidlu l-bankijiet tal-Pjazza Balluta.

18.3.01.04 Għalissa l-Kunsill qabel li l-latrini pubbliċi fil-lokalita' jinżammu magħluqin b'mod temporanju minħabba is-sitwazzjoni kurrenti.

18.3.01.05 Skema li ħarġet mill-Ministeru ta' l-Onor. Ian Borg dwar toroq li jingħalqu b'mod temporanju, ġie ssuġerit li tingħalaq Pjazza Spinola. Is-Segretarju spjega li din ser tkun spiża fuq il-Kunsill minħabba li trid tagħmel diversi pulizija fl-area li triq tingħalaq.

18.3.01.06 Li ġie suġġerit sabiex fl-area ta' Xatt is-Sajjieda isir open gym. Is-Segretarju saqsa minn fejn ser jiġu l-fondi. Iċ-Ċermen qal li l-MTA lesta tisponsorja dan il-proġett. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 18.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

18.4.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa sabiex jeħlu s-slielem, madwar lx-xatt, huwa ġie nfurmat li dawn ser ikunu jibdew isiru l-ġimgħa d-dieħla. Qajjem ukoll il-punt dwar jekk hux ser ikun qiegħed isir l-vann tas-sajf, is-Segretarju nfurmah li kien qiegħed jiċċekkja mal-awtorita' tas-saħħa sabiex jara jekk dan hux possibli li jsir. qajjem il-punt ukoll dwar il-one way fi Triq San Mikiel u Triq San Mark, ser ikun qiegħed jintbagħat reminder lill-Michael Cohen.

18.4.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar Triq Diodorus Siculus, dwar ir-rapport li kellu jsir min-naħa tal-Perit, huwa ġie nfurmat li dan għadu ma sarx, staqsa dwar Triq Birkirkara li ħdejn il-Belmont hemm tappiera sfrundata, huwa ġie nfurmat li din ser issir. Qajjem il-punt ukoll dwar l-ATM ta' Ġiorni, huwa ġie nfurmat li llum bdew ix-xogħolijiet fuq l-ATM. It-taraġ tan-naħa l-oħra ta' l-ATM huwa wiesa ftit iktar minn 3 piedi, f'każ ta' stretcher dan jgħaddi bl-eżatt. Qajjem il-punt dwar Triq il-Qalb Imqaddsa, meta

ser isir ir-rat treatment. Qajjem il-punt dwar Triq il-Qaliet li kella issir.

18.4.03 Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jsiru l-linji fil-biċċa ta' Triq il-Mensija fejn kien hemm it-tower crane u tneħħa.

18.4.04 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri qajmet il-punt dwar il-paving blocks ta' Triq il-Karmnu, minħabba mhux qiegħed tajjeb.

18.4.05 Is-Segretarju ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill resoluzzjoni sabiex il-Kunsill jagħmel merchant accounts mal-BOV sabiex ikun jista' jinstalla EPOS system ġewwa l-uffiċċju. L-amministrattur għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv Paul Spiteri. Il-Kunsill qabel.

**18.5 Talbiet żgħar;**

**18.5.01 Email dwar Erasmus+ and European Solidarity Corps (Inc. 11427/20);**

18.5.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li mhux ser napplikaw.

**18.5.02 Email dwar Locker & Charging Station Point (Inc. 11510/20);**

18.5.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir dment li jsir permess mill-Kunsill u jagħti kontribuzzjoni.

**18.5.03 Email dwar Ċirk AKL 2020/039 Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju 2020 (Inc. 11519/20);**

18.5.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jiġi mixgħul il-Pjazza Qalb ta' Ġesu.

**18.5.04 Email dwar drop off point for childcare centre (Inc. 11594/20);**

18.5.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li din issir waqt il-ħin ta' l-iskola.

**18.5.05 Email b'talba għall-mobile barbecue / hot dog stand (Inc. 11880/20);**

18.5.05.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jżomm l-post nadif.

**18.5.06 Email dwar Local Council Performance report for Year 2019 (Inc. 11930/20);**

18.5.06.01 Dan ġie muri lill-Kunsill u ma kienx hemm kummenti min-naħa tal-Kunsilliera.

**18.5.07 Email mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Intelligent Cities Challenge – Call for Expressions of Interest.**

18.5.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għaliha.

18.5.08 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li min-naħa tagħna bagħtna l-invoices fir-rigward min għandu l-advertising bollards ġewwa l-lokalita' u issa wasal iż-żmien li min mhux ser iħallas ser ikunu qed jingħalaw b'mod immedjat.

18.5.09 Tqajjem il-punt dwar il-platform li reġet ġiet approvata min-naħa tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hu min-naħa tiegħu bagħat lill-Ombudsman.

**18.6 Kuntratt tal-Knis;**

18.6.01 Is-Segretarju ppreżenta s-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' knis tat-toroq ta' San Ġiljan, huwa qal li kellu xi reazzjoni mill-Kunsilliera, ċ-Ċermen xtaq li jżid fl-offerta *mechanical sweeping*. Is-Segretarju kien ser jerġa jibagħat lill-kunsilliera proposta emendata u jekk ma jkollux reazzjoni, din tiġi ppublikata.

**18.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

18.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5077 sa 5108 (Ara Appendiċi 'A')

18.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**18.8 Skeda tal-Pagamenti**

18.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

18.8.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

18.8.03 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli ssekondatu.

**18.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

18.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju 2020.

18.9.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15p.m.

**IFFIRMATI,**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | **Paul Spiteri** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 11 ta' Ġunju 2020